TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 124/12/GZ

**Noel u Elaine Delia**

**vs**

**Mark Bugeja – Classic Image**

Illum 3 ta' Dicembru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-17 ta' Mejju, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' erbgha mija hamsa u tletin Ewro (€435.00), rapprezentanti l-prezz li hallsu ghas-servizzi ta' fotografu, il-prodott ta' liema ma kienx tal-livell li kienu hallsu ghalih.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz:

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Sena qabel id-data tat-tieg taghhom, huma kienu tkellmu mas-socjeta' ntimata fuq is-servizzi taghha, fejn wara li kienu ddiskutew il-pakkett li xtaqu, iffirmaw dokument bid-dettalji taghhom. Meta waslet il-gurnata tal-'photo shoot' tal-'pre wedding', it-temp kien ikrah u ghalhekk ir-rikorrenti kienu talbu sabiex jaghzlu gurnata differenti. Meta waslet il-gurnata li kienu regghu ftehemu fuqha, kien hemm hafna rih, pero' ir-rikorrenti xorta wahda ddecidew illi jkomplu bil-'photo shoot'. Tali 'photo shoot' dam biss siegha, wara liema, is-socjeta' ntimata kienet informathom illi kellha bizzejjed materjal. Is-socjeta'

ntimata ma kenitx kreattiva jew originali f'dan il-'photo shoot'. Xi gimgha wara, il-partijiet kienu ltaqghu sabiex jaghzlu ir-ritratt li kellu jitkabbar ghat-tieg, pero' kien hemm biss tletin (30) ritratt, minn liema, ir-rikorrenti ma setghu isibu lanqas wiehed li kien tajjeb. Wara iktar minn nofs siegha, jaraw tali ritratti, ir-rikorrenti ghazlu wiehed, pero' tali ritratt kellu bzonn xi modifiki. Meta dan gie diskuss mas-socjeta' ntimata, hija kienet qaltilhom illi dawn il-modofiki kienu difficli u kienet irrifjutat illi taghmilhom. Ir-rikorrenti ghalhekk kienu staqsew lis-socjeta' ntimata sabiex taghtihom kopja ta' dawn ir-ritratti biex ikunu jistghu jiehdu opinjoni mill-familjari taghhom, pero' s-socjeta' ntimata kienet informathom illi ma kenitx ser taghtihom kopji. Ir-rikorrenti ghalhekk ghazlu li jitterminaw is-servizzi tas-socjeta' ntimata.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fl-ewwel lok, il-fatti kif prezentati mir-rikorrenti ma humiex korretti u ma humiex kompletament veri, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt ix-xhieda tas-socjeta' ntimata matul is-smiegh tal-kawza.

Fit-tieni lok, it-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, peress illi s-servizz moghti mis-socjeta' ntimata fil-'photo shoot' tal-'pre wedding' kien professjonali u ghalhekk skond l-arti u s-sengha tal-fotografija.

Kien biss ghalhekk li s-socjeta' ntimata rrifjutat illi tirrifuza d-depozitu lir-rikorrenti. Barra minn hekk, ir-rikorrenti kienu kkancellaw il-booking taghhom ftit granet biss qabel it-tieg.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew kopja tal-'booking agreement' inkluz it-termini u l-kondizzjonijiet ta' l-istess, iffirmata mill-partijiet u ddatata 5 ta' Lulju 2010, li giet immarkata bhala Dok.ND1; kopja ta' l-ircevuta mahruga mis-socjeta' ntimata, fl-ammont ta' tliet mija hamsa u tmenin Ewro (€385.00), li giet immarkata bhala Dok.ND2, kopja ta' reklam, li giet immarkata bhala Dok.ND3; u kopja ta' 'email' datata 2 ta' Gunju 2011, li giet immarkata bhala Dok.ND4.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta` ntimata ezebiet kopja tal-korrispondenza bejn il-partijiet, li giet immarkata bhala Dok.MB1 sa Dok.MB4; u dokument iehor li gie mmarkat bhala Dok.MB5.

Is-socjeta` ntimata ezebiet ir-ritratti in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

**Ghal dawn il-motivi:**

Il-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, huwa sodisfatt, hekk skond il-provi, u dana b'referenza specifika ghal Dok.MB2, illi s-socjeta' ntimata offriet servizz mill-ahjar lir-rikorrenti konsumaturi (*"Although we are disappointed by the outcome of the first photo session, we understand that you tried your best to render us a good service and we are ready to offer you the pay of 2 hrs spent during the pre wedding session."*). It-termini u l-kondizzjonijiet (Dok.ND1) kienu cari u rrizulta ampjament car mill-provi illi kiene ngabu a konjizzjoni tar-rikorrenti. It-Tribunal, pero', jinnota illi ma ngabet l-ebda prova rigwardanti l-ispejjez, hekk mitluba fit-talba tar-rikorrenti, in eccess tad-depozitu minnhom imhallas, peress illi ma giet ezebita l-ebda ricevuta rigwardanti l-istess. Madanakollu, it-Tribunal jinnota illi s-socjeta' ntimata kienet offriet, minghajr pregudizzju, illi zzomm 'photo shoot' iehor a spejjez taghha (*"we are ready to reshoot another photo session at no extra cost, to make sure we get what you are looking for"*). Illi ghalhekk, u in vista ta' tali offerta, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u cioe' limitatament ghal nofs l-ammont li thallas bhala depozitu, stante illi s-servizz kien fil-fatt inghata u kien wiehed sodisfacjenti, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' mija tnejn u disghin Ewro u hamsin centezmu (€192.50) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**